Kunsill Lokali Mgarr
22, Triq Sir Harry Luke,
Mgarr, MGR 1501, Malta.
Tel : 21 520011 Fax : 21 522252
E-Mail : mgarr.lc@gov.mt
url : www.mgarr.gov.mt

# Seduta numru 51. Illum it-Tlieta, 17 ta' Marzu 2009

## MINUTI

Il-Membri eletti fl-elezzjonijiet lokali li saru nhar is-Sibt, 11 ta' Marzu 2006, ltaqghu fl-Ufficcju Amministrattiv fis-6.30 p.m. fuq l-Agenda Segwenti;

***Approvazzjoni tal-Minuti***
***Korrispondenza***
***Komunikazzjonijiet***
***Offerta ghall-Granite/Resin/Irham ghat-tarag ta' l-estensjoni***
***Progett pilota ghat-Tfassil ta' Strategija ta' Zvilupp Sostenibbli***
***Festa Frawli, April 2009***
***Laqgha Annwali tal-lokalita***
***Affarijiet Mixxelanji***

## PREZENTI

Is-Sindku Paul Vella, Il-Vici Sindku Giovanni Gatt,
Il-Kunsillier Victoria Sammut, il-Kunsillier David Battistino, il-Kunsillier Agostino Ebejer

Il-laqgha giet immexxija mis-Sindku.

## MINUTI

### 415.0 Approvazzjoni tal-Minuti

415.1 Wara li saret it-talba, is-Segretarju Ezekuttiv giet mitluba taqra l-Minuti tal-laqgha precedenti.

415.2 Is-Sindku ppropona korrezzjoni fuq Item 411.1 biex wara l-kelma oqbra jidhlu l-kliem 'bi ftit fdalijiet ta' l-ghadam'. Il-Kunsill qabel.

415.3 Il-Kunsillier Agostino Ebejer ppropona korrezzjoni fuq Item 414.1 biex wara l-kelma ppropona jidhlu l-kliem 'li jsir'. Il-Kunsill qabel.

415.3 Billi ma kienx hemm korrezzjonijiet aktar fuq il-Minuti, Is-Sindku rrakkomanda l-approvazzjoni tal-Minuti. Il-Kunsilliera approvaw il-Minuti u dawn gew ffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Ezekuttiv.

### 416.0 Punti mill-Minuti

416.1 Il-Kunsillier David Battistino nforma li fil-granet tal-Gemellagg, is-Surmast tal-Kor u l-Kappillan mhux se jkunu disponibbli.

416.2 Il-Kunsillier David Battistino propona li l-hlas ta' l-akkomodazzjoni tal-membri tal-Kunsill ta' Mathi tigi koperta mill-Kunsill Lokali Mgarr. Il-Kunsill qabel nem con.

416.3 Il-Kunsillier Agostino Ebejer informa li dwar Item 414.5, is-Sindku laqqa' lilu mal-Handyman tal-Kunsill biex jirrisolvu l-kaz. Huwa qal li huwa jista' jghid li kliem dispreggattiv mill-Handyman minn quddiemu ma sarx u li kien wasal lilu minn terzi persuni. Huwa kompla li d-diskussjoni wasslet biex gew iccarati l-punti kollha u ghalhekk ma hemmx il-htiega li jittiehdu passi ulterjuri.

## 417.0 Korrispondenza

417.1 Il-Kunsill innota l-ittra tal-Ministeru ghall-Politika Socjali dwar talba kollettiva li se jghamlu f'isem il-farmacisti kollha biex ikollhom parkegg riservat quddiem il-farmacija taghhom, minhabba z-zieda fil-konsenji peress li qed tithaddem l-Ispizerija ta' l-ghazla tieghek. Il-Kunsill ma sab ebda oggezzjoni ghal din it-talba.

417.2 Il-Kunsill se jistudja l-possibilita li jigu organizzati korsijiet tal-kompjuter ghat-tfal waqt ix-xhur tas-Sjaf.

417.3 Il-Kunsill qabel unanimament li joggezzjona ghall-applikazzjoni PA 0139/09 dwar installazzjoni ta' turbina tar-rih fi Triq Bingemma, skond ir-rakkomandazzjoni tal-konsulent tal-Kunsill.

417.4 Il-Kunsill innota email mis-Sur Mario Vassallo, li ssuggerixxa li jergghu jitwahhlu l-plieri li kien hemm fejn il-Victoria Lines, fl-inhawi ta' Torri Falka, wara li nstabet wahda mir-repliki minnu fl-iskola ta' l-MCAST. Il-Kunsill qabel li jsiru t-Tnejn u jitpoggew fil-post originali taghhom.

417.5 Il-Kunsill qabel li jixtri prepaid package mill-kumpanija TNT ghall-ammont ta' € 353.53, li tinkludi l-konsenja ta' tlettax il-pakkett ta' dokumentazzjoni ghall-Ewropa.

417.6 Il-Kunsill innota l-Policy li qed jahdem fuqha l-Gvern dwar Open storage Facilities fil-lokalita.

417.7 Il-Kunsill qabel li jorganizza harga edukattiva ghal tfal ta' bejn is-7 snin u tlettax il-sena fil-kumpanija Alka Ceramics nhar l-Erbgha, 15 ta' April filghodu.

417.8 Il-Kunsill qabel li jaghti donazzjoni ta' € 50 lill Reaching Out, peress li s-Sur Wayne Vella, resident Mgarri se jiehu sehem fil-Kilimangaro Challenge.

417.9 Giet approvata l-lista ta' hlasijiet annessa ma dawn il-Minuti.

## 418.0 Komunikazzjonijiet

418.1 Is-Sindku nforma li fil-granet li ghaddew, flimkien mal-Kunsillier David Battistino, kellu diskussjonijiet mad-dirigenti tal-Hill Climb u l-konsulent tal-Kunsill ghall-Immanigjar tat-traffiku dwar it-tellieqa li kienet se ssir fi Triq il-Gnejna, fit-28 ta' Marzu filghaxija. Huwa kompla li mill-istharrig li sar gie nnutat li l-ebda Hill Climb ma kienet qatt giet organizzata filghaxija u ghalhekk tista' tkun ta' periklu ghas-sewwieqa. Fid-dawl tar-rakkomandazzjonijiet tal-konsulent tal-Kunsill, gie rakkomandat li l-Hill Climb issir filghodu. F'dawn ic-cirkostanzi id-dirigenti qablu li jissospendu din il-Hill Climb u jinfurmaw lill-Kunsill dwar data gdida meta din se tigi organizzata.

418.2 Is-Sindku nforma li t-tindif fil-Gnien tal-Housing Estate wasal biex jitlesta biex imbaghad ikunu jistghu jigu ufficjali mis-Sovrantendenza tal-Wirt Kulturali biex jevalwaw il-post u jigi deciz liema features tieghu huma mportanti li jidhru u dawk li ma ghandhomx ghalfejn.

418.3 Is-Sindku nforma li fil-jiem li ghaddew iltaqa' mal-Kappillan u ufficjali mill-Ministeru ghall-Ambjent u Affarijiet Rurali li infurmaw li t-tqeghid ta' balavostri se jibda fil-jiem li gejjin. Is-Sindku ppropona li l-Handymen tal-Kunsill jaghtu daqqa t'id waqt dawn ix-xoghlijiet . Il-Kunsill qabel unanimament ma din il-proposta.

418.4 Is-Sindku nforma li twahhal hafna mill-aluminium ta' l-estensjoni. Huwa nforma li qed jingabru stimi ghall-bibien ta' l-injam ta' l-estensjoni u l-madum tat-toilets, biex ikunu jistghu jigu approvati fil-laqgha segwenti.

418.5 Kien hemm qbil li jingabru stimi ghal railing tat-tarag kemm tal-hadid u aluminium.

**419.0 Offerta ghall-Granite/Resin/Irham ghat-tarag ta' l-estensjoni**

419.1 Il-Vici Sindku Giovanni Gatt informa dwar il-laqgha li saret nhar il-Gimgha, 6 ta' Marzu, fejn hu u l-Kunsillieri kollha minbarra s-Sindku ltaqghu mal-kuntratturi li ssottomettew l-offerti ghall-Granite/Resin/Irham ghat-tarag ta' l-estensjoni fil-prezenza tal-Perit tal-Kunsill biex jevalwaw is-samples u jistaqsu dwar ix-xoghlijiet li ghamlu dawn iz-zewg kuntratturi.

419.2 Il-Vici Sindku nforma li minn din il-laqgha, il-membri prezenti rrakkomandaw lill-kumpanija C. Grech Marbles biex jaghmel dan ix-xoghol u ghalhekk ghaddha mozzjoni f'dan ir-rigward. Il-Kunsill qabel unanimament ma din id-decizjoni u ghazlu s-sample tal-granite.

***420.0 Progett pilota ghat-Tfassil ta' Strategija ta' Zvilupp Sostenibbli***

420.1 Is-Sindku nforma li fil-granet li ghaddew, hu flimkien mas-Segretarju Ezekuttiv iltaqghu mal-Perit tal-Kunsill biex ikun jista' jitfassal id-dokument ghall-proposta tal-Gvern biex jithejja progett pilota ghal lokalita sostenibbli.

420.2 Huwa nforma li l-progett li se jkun propost huwa dwar il-possibilita li post li ma jintuzax jigi trasformat f'post li joffri agriturizmu u servizzi ohra li bihom tista' tibbenefika l-lokalita. F'dan il-progett se jigu nvoluti l-ghaqdiet kollha tal-lokalita. Huwa kompla li hu u l-Kunsillier David Battistino qed jiltaqghu ma' numru ta' ghaqdiet u azjendi mis-settur privat biex jinfurmawhom dwar dan il-progett.

***421.0 Festa Frawli, April 2009***

421.1 Is-Sindku nforma li l-festa Frawli din is-sena se ssir nhar il-Hadd, 26 ta' April, bejn il-11.00 am u l-5.00p.m. Huwa nforma li bhalissa qed ikun prezenti ghal-laqghat mal-Kummissjoni Lejla Mgarrija biex jigi finalizzat il-programm.

421.2 Il-Kunsill ghamel l-arrangamenti necessarji biex l-MTA tissupplixxi l-istalls.

***422.00 Laqgha Annwali tal-lokalita***

422.1 Skond l-artikolu 70 ta' l-Att dwar il-Kunsilli Lokali ( Att nru. XV ta' l-1993), is-Sindku ppropona li ssir laqgha annwali tal-lokalita nhar il-Gimgha, 17 ta' April 2009, fis-7.00p.m. Il-Kunsill qabel unanimament.

***423.0 Affarijiet Mixxelanji***

423.1 Il-Kunsill qabel li jwahhal tabella fi Triq il-Kbira, fejn timpedixxi lil residenti u stabbilimenti kummercjali milli jpoggu l-iskart f'dan il-post, minhabba akkumulazzjoni ta' skart li qed jintefa ta' kuljum.

423.2 Il-Kunsill qabel li jwahhal tabella direzzjonali fiz-zona tal-Palma.

423.3 Il-Kunsillier David Battistino nforma li wara t-tiswijiet li ghamlet il-Korporazzjoni ghas-Servizzi ta' l-ilma fi Triq il-Haddedin, thalliet katusa u materjal iehor li ntuza. Kien hemm qbil li tingibed l-attenzjoni tal-WSC f'dan ir-rigward.

423.4 Il-laqgha ntemmet fid-9.00p.m.

423.5 Is-Sindku sejjah laqgha ohra tal-Kunsill, nhar l-Erbgha, 1 ta' April 2009, fis-6.30p.m.

Christine Lewis
Segretarju Ezekuttiv

Paul Vella
Sindku